MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru. 1033/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Axil James Busuttil ta' 16 il-sena (dtt. 30/09/1992), iben Kevin u Sharon nee` Curmi, imwieled Pieta` u joqghod 'Altair', De Paul Avenue, Balzan (numru tal-karta tal-identita` 473892(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Axil James Busuttil u cioe`:

1. Akkuzat talli fis-7 ta' Awissu 2009 ghall-habta tat-15:00hrs gewwa numru 14, Flat 1, Triq il-Mandolina, Qajjenza, Birzebbuga minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ariana Micallef miz-Zejtun, skond kif iccertikha Dr. Robert Gauci MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

2. U talli fl-istess data, lok u hin hebb ghal Ariana Micallef u dan sabiex jingurjaha jew jghamlilha hsara.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-3 ta' Novembru, 2009, biex din il-kawza tinstema bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat ser jibda programm sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga. Inoltre il-parte leza Ariana Micallef hafret lill-imputat ghall-akkadut, iddikjarat illi m'hijiex qed issofri xi konsegwenzi fis-sahha taghha kagun tal-griehi sofferti ghajr ghal marka zghira fuq imnehirha, u fl-ahharnet il-fatt illi l-imputat u l-parte leza llum ghandhom tarbija u ghandhom interess li jrabbu din it-tarbija flimkien.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu

izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni li l-imputat isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation li jkun qed isegwih.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------